MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2119/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetaestera Norwich Union International Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assigurat taghha Joseph Zammit abbazi tal-polza ta'assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Joseph Zammit.**

**vs**

**Matthew Frantz**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta' mitejn u disgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm239.50) rappresentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Joseph

Zammit assigurat tas-socjeta attrici nomine u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ Lm164.56 is-socjeta attrici u kwantu ghall-ammont ta’ Lm75 l-istess Joseph Zammit in linea ta’ *excess payment* u dana rizultat ta’l-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta’ Awissu 2002 ghal habta ta’l-10:30p.m. gewwa Triq l-Assunta, Marsa, bejn il-vettura proprjeta ta’l-attur Joseph Zammit bin-numru ta’ registrazzjoni CMP 420 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni LAG 278, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar 2003, ta’ l-ittra ufficjali li giet ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz lis-socjeta assikuratrici Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta AXA Insurance plc u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’l-imsemmija ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar 2003 kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine et. sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut, ma deherx la fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta’ mitejn u disgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm239.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar 2003, u ta’ l-ittra ufficjali li giet ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz lis-socjeta assikuratrici Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta AXA Insurance plc ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------